32004D0471

L 160/58 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 30.4.2004

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tad-29 ta' April 2004

## li tħassar ċerti stabbilimenti tal-ħalib mil-lista ta' stabbilimenti li jistgħu jipproċessaw ħalib konformi jew le man-normi UE matul perjodu transizzjonali fil-Polonja

*(innotifikat taħt id-dokument numru K(2004) 1717)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2004/471/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitá Ewropea,

Wara li kkunsidrat it-Trattat ta' Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Lituwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 2(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat l-Att ta' Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Lituwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja [2] u b'mod partikolari l-Artikolu 24, l-Anness XII, Kapitolu 6, Sezzjoni B, sub-artikolu I, punt 1(e) tiegħu,

Billi:

(1) IL-Polonja ngħatat perjodu transizzjonali għal ċerti stabbiliment elenkati fl-Appendiċi B ta' l-Anness XII ta' l-Att ta' Adeżjoni.

(2) Il-Polonja titlob li 37 fabbrika ta' pproċessar ta' ħalib li ngħataw il-permess li jipproduċu ħalib konformi jew le man-normi UE matul perjodu transizzjonali għandhom jitħassru mill-Appendiċi B ta' l-Anness XII ta' l-Att ta' Adeżjoni. Dawn l-istabbiliment m'għandhomx il-kapaċità biex iwaqqfu r-reġim previst fil-Kapitolu 6, Sezzjoni B, sub-artikolu I, punt 1(c).

(3) Huwa xieraq li jitħassru l-istabbilimenti li m'għandhomx il-kapaċità biex jipproċessaw ħalib konformi jew le man-normi UE.

(4) Il-Kumitat Permanenti dwar il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali ġie informat bil-miżuri msemmija f'din id-Deċiżjoni,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Fl-Appendiċi B imsemmi fil-Kapitolu 6, Sezzjoni B, sub-artikolu I, punt 1 ta' l-Anness XII ta' l-Att ta' Adeżjoni, l-istabbilimenti elenkati fl-Anness huma mħassra.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika bla ħsara għal u mid-data tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Lituwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fid-29 ta' April 2004.

*Għall-Kummissjoni*

David BYRNE

*Membru tal-Kummissjoni*

[1] ĠU L 236, ta' l-23.9.2003, pġ. 17.
[2] ĠU L 236, ta' l-23.9.2003, pġ. 33.

*L-ANNESS*

**Il-Polonja**

| Nru | Nru Vet | Isem ta' l-istabbiliment |
|---|---|---|
| Stabbilimenti mhassra mil-lista ta' stabbilimenti li jistgħu jipproċessaw ħalib konformi jew le man-normi UE | | |
| 1. | B114281601 | ZM "Bakoma" S.A. |
| 3. | B108111601 | SM Zary |
| 4. | B104631601 | Torunska SM |
| 8. | B114291602 | OSM Kosow |
| 9. | A 20041601 | SM "Mlekpol" |
| 10. | B130111601 | Obrzanska SM |
| 11. | B114111604 | "Onken Andex" Sp. o |
| 12. | A 20131601 | SM "Mlekowita" |
| 14. | B114261601 | OSM Siedlce |
| 15. | B132141601 | OSM Stargard Szczecinski |
| 16. | B120081601 | Moniecka SM w Monkach |
| 17. | A 30291601 | ZPM "MLECZ" |
| 19. | B110051601 | OSM Lowicz |
| 20. | B106161601 | Sm "Ryki" |
| 22. | B102041601 | SM "DEMI" |
| 23. | B104641601 | Kujawska SM |
| 25. | A 32081602 | "Arla Foods" Sp. O Goscino |
| 26. | A 14221602 | SM "Mazowsze" |
| 27. | B130621601 | OSM Konin |
| 28. | B104611601 | SM "OSOWA" |
| 29. | A 14221601 | "BELL-Polska" Sp.o |
| 31. | B114031601 | OSM w Garwolinie |
| 33. | B114021601 | OSM Ciechanów |
| 34. | A 16611601 | "ZOTT-Polska" Sp. zo.o |
| 36. | B114151603 | SM Kurpie |
| 37. | A 10171601 | Spókdzielnia Dostawców Mleka w Wieluniu |
| 38. | B130271601 | Mleczarnia "TUREK" Sp.o |
| 39. | B110611601 | Kódzka SM |
| 40. | B102071601 | SM "KAMOS" |
| 41. | A 30611601 | OSM Kalisz |

| Nru | Nru Vet | Isem ta' l-istabbiliment |
|---|---|---|
| Stabbilimenti mhassra mil-lista ta' stabbilimenti li jistgħu jipproċessaw ħalib konformi jew le man-normi UE | | |
| 43. | B126131601 | OSM Wkoszczowa |
| 44. | B102251601 | OSM Zgorzelec |
| 48. | B124751601 | SM "Jogser" |
| 49. | A 10121601 | OSM Radomsko |
| 51. | B124111601 | OSM Racibórz |
| 52. | A 04111601 | Proszkownia Mleka Sp.zo.o Piotrkow Kujawski |
| 53. | A 06061601 | OSM Krasnystaw |